MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 2240/1998/1

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Aquilina sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Carmel Aquilina u b'nota tal-1 ta' Frar 2000 is-socjeta GasanMamo**
**Insurance Agency Limited din in rappresentanza tas-socjeta estera GCU Insurance plc li assumiet id-drittijiet**
**u l-obbligi tas-socjeta estera Royal International Insurance**
**Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Aquilina**

**Vs**

**Vincent Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta' tlett mitt lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm300.17) li jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) 'Excess" imhallsa mill-attur rappresentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilisitku tat-13 ta' Settembru 1997, gewwa l-By Pass ta' San Pawl il-Bahar, bejn il-Bus numru Y 328 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru LGY 382 misjuqa minn Emanuel Aquilina u propjeta' tal-attur Carmel Aquilina, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizija u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjes inluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Lulju, 1998 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontestwalment ma l-avviz u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha (fol 4 tal-atti) eccepixxa bir-rispett:-

1. It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontrihom stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta' Emmanuel Aquilina konducent tal-vettura propjeta' ta' l-attur Carmel Aquilina.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni fil-qasir da parti tal-abili difensur tal-konvenut (fol 58 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jirrisulta mix-xhieda ta' <u>PC 685 Antoine Cassar</u> (fol 48 ibid) f'dan il-kaz ma' kien sar l-ebda skizz in vista li l-partijiet involuti f'dan l-incident kienu marru fl-Ghassa tal-Pulizija tad-distrett u ghamlu hemm, ir-rapport relattiv.

Pero' fl-istess post, kien qed jsuq PS 1043 Francis Pace (fol 26 et seq ibid) u wara li waqaf, l-istess partijiet kienu qalulu illi il-vetturi involuti kienu ccaqalqu wara li kienet grat il-habta. Inoltre ix-xhud sema' dak li kien intqal lilu mill-partijiet involuti wara l-incident u dan mill-memorja. Is-sewwieq tal-karozza LGY 382 cjoe l-attur Emanuel Aquilina, dan kien irrakontalu illi kien qed jsuq ma genb il-vettura l-ohra ossija 'char-a-banc' numru Y 328, misjuqa mill-konvenut u kif kien hekk, l-istess 'char-a-banc' kien dahal f'hofra mimlija ilma u l-konvenut kien minhabba dan il-fatt gibed il-barra u baqa' jsuq l'hemm. In rigward il-konvenut dan kien qal lix-xhud tista' tghid l-istess versjoni tal-fatti moghtija mill-attur. Inltre ix-xhud semma li dan l-incident gara fil-'bypass' madwar San Pawl il-Bahar. Fl-ahhar nett ix-xhud semma il-hsarat li hu ra fuq l-istess vetturi, liema hsarat deskritti minnu bhala "tip ta' zbrixxaturi' kienu, fuq ix-"char-a-banc", fuq il-genb tal-lemin in-naha ta' wara waqt li, fuq il-vettura misjuqa mill-attur, kien fuq quddiem (izda mhux fuq il-faccatta) kif ukoll mal-genb li tasal sal-mera tan-naha tax-xellug".

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 11 et seq ibid) xehed li kien qed isuq fuq l-imsemmi "by pass' lejn ix-Xemxija waqt li kienet ix-xita. Fl-istess triq hemm zewg 'lanes' fuq kull naha. Hu kien qed jsuq fuq dik "interna" waqt li quddiem kien hemm 'char-a-banc' fuq l-istess 'lane' ('ta' mal-hajt'). Meta ra hekk hu saq fuq dik ta' barra sabiex jissorpassa ix-'chara-a banc'. Kif kien qed jaghmel din il-manuvra u 'gejt kwazi esattament mar-roti ta' quddiem tal-'bus' (dan) dahal go hofra mimlija ilma u radamni...... ghattieni bl-ilma" Minhabba hekk, hu ma' setax jara' u waqaf u hawnhekk '... hassejt daqqa fuq wara .... ".

Difatti, kienu ntlaqtu l-mera laterali tax-xellug tal-karozza misjuqa minnu kif ukoll il-'mudguard' ta' Suor Antonia Aquilina oht l-attur u li kienet bhala passiggiera, fil-vettura misjuqa mill-attur u li jinsab a fol 37 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 53 et seq ibid) ikkonferma illi hu kien qed jsuq 'char-a-banc' fuq il-'lane' ta' gewwa, meta gara l-istess incident kmieni filghodu ghall-habta tal-5:30a.m. waqt li kienet niezla x-xita. Pero jidher ukoll illi ma kienx induna illi kienet saret din il-habta izda sar jaf biha kif hu stess jirrankonta fix-xhieda tieghu.

Ikkunsidrat

Ill, mill-premess, jidher li dan l-incident gie kagunat minn zewg fatturi, risultanti mix-xhieda stess tal-attur. L-ewwel nett l-incident sehh waqt li l-istess attur kien qed jissorpassa fuq il-'lane' ta' barra l-vettura l-ohra. Fit-tieni lok, kif kienet qed tigi esegwita din il-manuvra, l-istess 'char-a-banc' ghaddiet minn fuq hofra mdaqqsa mimlija ilma tant li l-istess ilma gie deskritt minn Suor Antonia Aquilina bhala '… mewga ilma'.

Certament, dawn iz-zewg fatturi bl-ebda mod ma jistghu jigu kunsiderati bhala li jammontaw ghal sewqan negligenti da parti tal-konvenut u ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma fondata fuq il-fatti, illi dan l-incident ma garax minhabba tort da parti tal-istess konvenut. Ghalhekk ma jistghux jigu milqugha t-talbiet attrici peress li fl-opinjoni tal-Qorti trattasi ta' kollisjoni kagunata minn fattur fortwitu (il-hofra mimlija b'hafna ilma) u iehor indipendenti mis-sewqan tal-konvenut (il-manuvra ta' sorpass li qed tigi esegwita mill-istess attur)

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------